# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 44/20/3 SG**

**Maria Cassar**

**v.**

**Peter Paul Muscat u John sive Ganni Muscat**

Din hi decizjoni dwar rikors tal-appell ta' Peter Paul Muscat u John sive Gianni Muscat fejn talbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 44/2020 wara li l-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fid-19 ta' Lulju, 2021, cahdet talba taghhom biex l-istess mandat milqugh fil-25 ta' Settembru, 2020, jigi revokat.

Fil-mandat intalab hekk:

> *"sabiex l-intimati jinzammu milli jew personalment jew permezz ta' terzi persuni inkarigati minnhom jaghmlu u/jew jkomplu b'xoghlijiet ta' demolizzjoni/zvilupp u/jew kostruzzjoni u/jew finishing u/jew jidhlu jew jezercitaw access fil-kamra adjacenti u formanti parti mill-fond bin-numru 11 Triq ta' Said, Nadur Ghawdex – dan ghaliex … il-fond inkluz il-kamra gew akkwistati mill-esponenti bis-sahha ta' kuntratt datat sbatax (17) ta' Frar tal-elf disa' mija erbgha u tmenin (1984) … U ilhom fil-pussess taghha minn dakinhar.*
>
> *Stante l-fatt li (a) l-intimati jidher li se jkomplu jaghmlu xoghlijiet ohra f'din il-kamra u jkomplu jaccedu f'din il-kamra li ma kellhomx pussess fuqha, tant li mal-fetha li iffurmaw, huma wahhlu bieba b'katnazz biex jibqa' jkollhom access mhux ostakolat u x'hin iridu huma jaccedu ghal proprjeta; u (b) u jidher ukoll li ser jippruvaw isaqqfu parti mis-saqaf u jissegregaw din il-kamra mill-kumplament tal-fond numru hdax (11) Triq ta' Said Nadur, Ghawdex; ir-rikorrenti titlob bir-rispett li l-intimati jigu inibiti milli huma personalment jew permezz ta' haddiehor jew terzi persuni ohra jaghmlu x-xoghlijiet indikat f'dan il-mandat fosthom xoghlijiet ta' demolizzjoni/zvilupp u/jew kostruzzjoni u/jew finishing u/jew jidhlu jew jezercitaw access fil-kamra adjacenti u/jew jippruvaw jissegregaw din il-kamra mill-kumplament tal-fond …"*

Dan il-mandat intlaqa' kif mitlub fil-25 ta' Settembru, 2020. L-appellanti ghamlu talba ghar-revoka tal-mandat u l-ewwel Qorti bid-digriet tad-19 ta' Lulju, 2021, cahditu u kkonfermat l-ewwel digriet taghha.

L-appellanti qed isostnu illi l-mandat ta' inibizzjoni nhareg biex jikkawtela drittijiet petitorji, mentri Maria Cassar, wara l-hrug tal-mandat segwietu b'kawza ta' spoll. Billi kawza ta' spoll hi intiza biex tirreintegra vjolazzjoni li gia` saret, ma jistax jintalab mandat ta' inibizzjoni li hu intiz sabiex jipprevjeni vjolazzjoni qabel ma ssehh. *Di piu`* l-mandat fih indoli petitorji mhux kompatibbli ma` azzjoni possessorja bis-sahha tal-hrug tal-mandat.

Maria Cassar irrispondiet li ma hemm ebda appell minn cahda ta' talba ghal revoka ta' mandat billi l-procedura korretta kellha tkun kawza. Fil-mertu sahqet illi ghalkemm id-drittiijiet pretizi fil-kawza sussegwenti ghall-hrug tal-mandat huma possessorji fin-natura taghhom, huma tali li jikkonfermaw id-drittijiet pretizi fil-mandat.

Ghandu jitqies l-ewwel jekk l-appellanti ghandhomx jedd ta' appell wara cahda mill-ewwel Qorti ta' talba ghal revoka ta' mandat.

Il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni procedurali ghandha mis-sewwa. Kif inghad fis-sentenza **Bonello v. Ellul** (Vol LXXI p 390) tradizzjonalment jinghad li hemm tliet xorta ta' digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li ghall-ewwel u ghat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan l-insenjament, izda, irid illum jigi ezaminat fid-dawl tad-diversi emendi introdotti fil-Kap.12 bl-Att XXIV tal-1995. Iz-zewg dispożizzjonijiet principali li ghandhom jigu kkunsidrati huma l-Artikolu 229 u l-Artikolu 836(5). Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li d-digriet appellat, cioe` dak tad-19 ta' Lulju, 2021, ma hux digriet interlokutorju. Dan id-digriet ma hu b'ebda mod intiz biex b'xi mod jirregola l-andamant tal-"kawza" li dik il-Qorti kellha quddiemha, cioe` l-kawza ta' spoll. Ghalhekk l-Artikolu 229

ma japplikax ghad-digriet in kwistjoni. Din kienet ukoll il-konkluzjoni milhuqa minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud pro et noe et**. Lanqas hu digriet definittiv ghax biex ikun hekk irid itemm il-kontroversja bejn il-partijiet. Issa, apparti dak li jinghad fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 836, ma jistax jinghad li digriet li jichad jew jilqa' talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju jtemm il-"kontroversja" bejn il-partijiet. Il-kontroversja hija dik migjuba fil-kawza proprja, f'dan il-kaz fil-kawza ta' spoll, u l-mandat ta' inibizzjoni huwa intiz biss biex jigu preservati d-drittijiet possessorji ta' Maria Cassar.

Kif tkompli tghid is-sentenza Tanti fuq citata:

> *"Hu minnu li s-subinciz (5) [tal-Artikolu 836] jipprovdi illi ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors maghmul ai termini tas-subartikolu (1) ta' dak l-Artikolu u li dak id-digriet ikun finali u irrevokabbli. Qari ta' dan l-artikolu ma jhalli l-ebda dubbju fil-hsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wiehed ta' cahda tar-rikors ghall-hrug ta' kontro-mandat, dan id-digriet seta' jkun soggett ghal appell u kontestazzjoni. Jidher, pero, li l-Artikolu 836 ma jispecifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta' cahda…Stabbilit illi l-Artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta' kien applikabbli biss l-Artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta' jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta' kontro-mandat ta' att kawtelatorju. Dan l-artikolu l-legislatur kien introducih inter alia bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta' mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f'cirkostanzi meta seta' jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x'jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-disposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh u ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni*

*minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan iddigriet ikun finali u irrevokabbli…". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) tal-Artikolu 836. Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissuggerixxi kif gia inghad pero a contrario sensu illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u li allura jkun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur, pero, illi dahal f'dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa' talba ghar-revoka in toto jew in parte ta' mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta' kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug tal-opportun kontromandat, naqas li jipprovdi ghall-mod kif seta' jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta' kontro-mandat. Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV tal-1995, ma hux lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-hrug ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll ghal digriet tal-hrug ta' kontro-mandat tal-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta' ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din l-eventwalita. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta' kawza quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet, bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata sentenza in prima istanza."*

Ara wkoll f'dan is-sens provvedimenti fl-atti tal-kawza numru 5/2017 wara l-hrug tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri numru 6/2017 fl-ismijiet **Graziella Attard et v. Khaled Barkat Zky Ahmed Abdelrazek et**, App 07/08/2017.

Din il-Qorti tqis li minhabba c-certezza tad-dritt dan l-insenjament ghandu jibqa' jigi segwit pero` hi l-fehma ta' din il-Qorti illi procedura ta' appell f'kaz bhal dan ikun aktar prattiku u ghalhekk qed jigi suggerit tibdil fil-ligi

fejn jinghad espressament u mhux *a contrario* illi r-rimedju hu dak ta' appell.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' Maria Cassar li appell minn cahda ta' talba ghal revoka ta' mandat kawtelatorju mhux proceduralment korrett, u ghalhekk tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tieghu. Spejjez ghall-appellanti.

Kommunika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Gustizzja u l-Governanza

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da